**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2017**

**Talba Nru: 653/15 CZ**

**Emanuel Azzopardi (ID 219549 (M)**

**vs**

**Samantha Borg**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fl-14 t'Awwissu 2015 fejn ippremetta:

L-attur jitlob lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna u jordna lill-konvenuta:

Thallsu s-somma totali ta' mitejn u tnejn u erbghin Euro (€242), rapprezentanti bilanc ta' hlas stabbilit fid-29 ta' Dicembru 2012 (kif jirrizulta mill-anness Dok. A), ghas-servizz gia esegwit, fil-hanut tieghu 'Queen's Dry Cleaners' ta' 'dry cleaning' u 'laundry' fuq hwejjeg, quilts, u tapiti, b'tali oggetti gia' kkonsenjati lill-konvenuta sabiex tghaddi lill-klijenti diretti taghha.

Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra ufficcjali tat-13 ta' Frar 2014 (Dok. B anness) u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din l-ittra fid-19 ta' Frar 2014, kontra l-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fl-1 ta' Frar 2016, il-konvenuta wiegbet:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur ghandu jaghti prova tat-titolu li ghandu peress li l-esponenti qatt ma kienet tkellmet ma' l-istess attur.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont dikjarat mill-attur mhux dovut peress li dawn l-oggetti qatt ma gew ikkonsenjati mill-attur jew haddiema ta' l-istess Queen's Dry Cleaners lill-esponenti, anzi tali oggetti kienu gew direttament konsenjati mill-attur lill-klijenti u kien thallsu direttament mill-klijenti lill-attur kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2017, il-partijiet awtorizzaw lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur, li jiggestixxi negozju ta' dry cleaning, qed jitlob hlas minghand il-konvenuta ghal xoghol li kien ghamel fl-interess ta' klijenti diretti tal-konvenuta, li ghalih izda kellha thallas hi peress li l-attur kien jigbor ix-xoghol minghandha u jirritornah lilha.

Illi l-attur jibbaza t-talba tieghu fuq dokument li jinsab a fol. 2 tal-process, u li bih l-attur jishaq li l-konvenuta rrikonoxxiet li ghandha tabilhaqq thallas l-ammont mitlub f'din il-kawza. Il-konvenuta fil-fatt qablet li l-firma fuq l-istess dokument hija taghha, u li skond l-istess dokument, jidher li baqa' bilanc ta' mitejn u tnejn w erbghin Euro (€242), li gie hekk ridott minn ammont akbar ta' mitejn u tnejn u disghin Euro u erbgha centezmi (€292.04) wara li l-konvenuta nfisha kienet hallset hamsin Euro (€50).

Illi l-attur esebixxa wkoll sett ta' hames (5) invoices, li kull wahda minnhom tifforma l-bazi tad-dokument fuq imsemmi a fol. 2.

Illi ghall-attur xehed Claudio Azzopardi, ibnu, u managing Director tan-negozju,li spjega l-mod kif kienu jahdmu mal-konvenuta. L-iktar ta' rilevanza ghall-fini ta' din il-kawza huwa li l-kliem 'paid fifty Euro (€50) balance two four two (€242) inkiteb mix-xufier taghhom Mario Mifsud. Spjega wkoll illi kull fejn fid-dokumenti kien hemm linja maqtugha fuq ordni partikolari, dak kien ifisser illi t-tqassim ta' l-oggett tkun saret direttament lill-klijenti diretti tal-konvenuta. Ta' importanza huwa l-fatt illi kemm dan ix-xhud, kif ukoll ix-xufiera, xehdu illi kull fejn ix-xoghol ittiehed direttament lill-klijenti diretti, dan gie indikat, peress li dik l-ordni partikolari kienet tinqata' b'linja.

L-istess xhud qal li delivery notes tax-xoghol ma jkunx hemm peress li huma jkollhom relazzjoni tajba ma' l-individwu. Meta kien ikun hemm xi oggetti bil-kliem 'NP', ossia li ma gewx imhallsa, l-attur kien jiehu lura x-xoghol peress li ma tkunx hallsitu l-konvenuta, u mbaghad kien jghaddieh lill-konvenuta meta thallsu, l-gimgha ta' wara.

Illi xehed ukoll Mario Mifsud, li fiz-zmien in kwestjoni kien jahdem bhala xufier ma' l-attur, li xehed li l-hamsin Euro (€50) li jidhru fuq l-invoice a fol. 2 il-konvenuta kienet tathom direttament lilu, u kienet iffirmat quddiemu ghall-bilanc ta' mitejn u tnejn u erbghin Euro (€242). Dan ix-xhud ikkonferma li l-konvenuta lejn l-ahhar kellha taghti 'l fuq minn mitejn Euro. Dan kien fl-istess zmien li hu wkoll spicca mix-xoghol ma' l-attur.

Illi xehed ukoll Larkin Farrugia, li wkoll kien jahdem bhala xufier ma' l-attur, li wkoll ikkonferma li d-dokument a fol. 2 tal-process gie ffirmat quddiemu. Dan kien l-ammont li skond l-istess xhud, il-konvenuta kellha taghti lill-attur.

Illi xehdet ukoll il-konvenuta li qalet li ma kienx hemm okkazjonijiet fejn il-konvenuta hadet il-hwejjeg lura u ma hallsitx ghalihom. Dwar id-dokument a fol. 2, filwaqt li kkonfermat li l-firma hija taghha, ikkonfermat li l-bilanc kien ta' mitejn u tnejn u erbghin Euro (€242), izda kellha battibekk dwar xi quilt, li izda ma tatx dettalji dwar x'tip ta' battibekk kien, u kif seta' affettwa l-mertu tal-kawza odjerna. Meta mistoqsija dwar dokument C a fol. 21 tal-process, li hija wahda mill-invoices li tifforma l-parti l-kbira tal-mertu tal-kawza odjerna, il-konvenuta qablet li fuq dik l-invoice kien ghad baqaghlha x'taghti mitt Euro. Hi stqarret li 'ma tahsibx' illi dawn il-hwejjeg l-attur kien gabhomla, izda kienet qed tahseb li kien qasssamhom hu.

Illi t-Tribunal abbazi tal-provi prodotti jara li l-verzjoni prodotta mix-xiehda ta' l-attur hija aktar kredibbli. L-ewwel u qabel kollox hemm id-dokument a fol. 2 tal-process, li tiswa bhala rikonoxximent tad-debitu li kellha l-konvenuta. Meta xehdet il-konvenuta, ma qalet bl-ebda mod li ma kinitx taf x'qed tiffirma, jew li hadet zball meta ffirmat dan id-dokument.

Fuq kollox il-konvenuta fix-xiehda taghha ma turi l-ebda certezza. Meta allegat li kien hemm xoghol li ttiehed direttament lill-klijenti taghha, u li allura tieghu ma kellhiex thallas, uzat ripetutament il-kliem 'nahseb', u dan in kontro-ezami. Il-konvenuta ma ppruvat bl-ebda mod konkret illi kien hemm klijenti diretti taghha li hadu x-xoghol direttament u hallsu direttament lill-attur, kif kien jinkombi fuqha li taghmel biex issostni t-tieni eccezzjoni taghha. Min-naha l-ohra, l-attur irrikonoxxa illi kien hemm xi klijenti li kien qdiehom direttament, izda dawn kienu identifikabbli peress li n-numru ta' l-ordni taghhom kien gie ngassat minn fuq l-invoices. Din skond l-attur tfisser allura illi dawk li n-numru taghhom ma giex ingassat, ma kinux klijenti li nqdew direttament, u l-attur kien ghadu qed jistenna l-hlas ghalihom minghand il-konvenuta.

Illi x-xiehda ta' l-attur Mario Mifsud u Larkin Farrugia kkorroborraw sewwa dak li qal il-Managing Director Claudio Azzopardi, u t-tnejn stqarru li kienu jafu li l-konvenuta kien ghad baqaghlha x'taghti, u kienet irrikonoxxiet dan il-fatt quddiemhom, peress li d-dokument a fol. 2 kienet iffirmatu quddiem Mario Mifsud.

Illi kwantu ghall-fatt sollevat mill-konvenuta in kwantu qalet li m'hemmx prova ghat-tqassim tax-xoghol lura lill-konvenuta, ghandu jinghad illi l-partijiet kienu stabbilew bejniethom relazzjoni ta' fiducja, u ma kinux jesigu li jkun hemm delivery notes. Izda fuq kollox, anke minghajr l-ezistenza ta' dawn id-delivery notes, ghandu jinghad li d-dokument a fol. 2 imur lil hinn minn kwalsiasi argument dwar delivery notes o meno.

Illi t-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma illi l-attur irnexxielu jipprova dak minnu pretiz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talba ta' l-attur, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin Euro (€242), bl-imghax mid-19 ta' Frar 2014 sal-hlas effettiv. L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**